ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 111

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

4 ta' Mejju 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 375/2010 tat-3 ta' Mejju 2010 li ma jagħtix kunsens li jiġu awtorizzati ċerti stqarrijiet li jirrigwardaw is-saħħa fuq il-prodotti tal-ikel, għajr dawk li jirreferu għat-tnaqqis ta' riskju ta' mard u ta' riskju għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal** (1) 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 376/2010 tat-3 ta' Mejju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 983/2009 dwar l-awtorizzazzjoni u r-rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa magħmula dwar l-ikel u li jirreferu għal tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal** (1) 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 377/2010 tat-3 ta' Mejju 2010 li jimponi dazju provvisorju antidumping fuq importazzjonijiet ta' sodium gluconate li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina** 5

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 378/2010 tat-3 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 17

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Prezz: 3 EUR

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2010/251/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2010 li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri** 19

2010/252/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' April 2010 li tissupplimenta l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rigward is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea** 20

RAKKOMANDAZZJONIJIET

2010/253/UE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2010 dwar l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt fil-qasam tar-riċerka dwar "L-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel u t-tibdil fil-klima"** 27

IV *Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom*

2010/254/KE:

★ **Deċiżjoni Nru 1/2009 tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ukraina tat-23 ta' Novembru 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Konġunt** 30

2010/255/KE:

★ **Rakkomandazzjoni Nru 1/2009 tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ukraina tat-23 ta' Novembru 2009 dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina** 31

MT

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 375/2010

tat-3 ta' Mejju 2010

li ma jagħtix kunsens li jiġu awtorizzati ċerti stqarrijiet li jirrigwardaw is-saħħa fuq il-prodotti tal-ikel, għajr dawk li jirreferu għat-tnaqqis ta' riskju ta' mard u ta' riskju għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel [1], u partikolarment l-Artikolu 18(5) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 l-istqarrijiet dwar is-saħħa li saru fuq l-ikel huma projbiti sakemm dawn ma jkunux awtorizzati mill-Kummissjoni b'konformità ma' dan ir-Regolament u ma jkunux inklużi f'lista ta' stqarrijiet permessi.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 jistipula wkoll li l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet ta' stqarrijiet dwar is-saħħa jistgħu jitressqu mill-operaturi tan-negozji tal-ikel quddiem l-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru. L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tressaq applikazzjonijiet validi lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel (EFSA), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Awtorità.

(3) Wara li tirċievi applikazzjoni l-Awtorità għandha tgħarraf bla dewmien lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni u tipprovdi opinjoni dwar l-istqarrija kkonċernata li tirrigwarda s-saħħa.

(4) Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni ta' stqarrijiet dwar is-saħħa filwaqt li tqis l-opinjoni mogħtija mill-Awtorità.

(5) Wara applikazzjoni minn PROBI AB, imressqa fit-22 ta' Diċembru 2008, skont l-Artikolu 13(5) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-Awtorità ntalbet tagħti opinjoni fuq indikazzjoni dwar is-saħħa relatata mal-effetti ta' *Lactobacillus plantarum 299v* dwar l-assorbiment imtejjeb tal-ħadid (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-785) [2]. L-istqarrija proposta mill-applikant kienet tgħid dan li ġej: "*Lactobacillus plantarum* 299v (DSM 9843) itejjeb l-assorbiment tal-ħadid".

(6) Fis-6 ta' April 2009, il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew l-opinjoni xjentifika mingħand l-Awtorità li kkonkludiet li fuq il-bażi tad-dejta ppreżentata, ma ġietx stabbilita rabta ta' kawża u effett bejn il-konsum ta' *Lactobacillus plantarum* 299v (DSM 9843) u l-effett mistqarr. Għaldaqstant, billi l-istqarrija ma tikkonformax mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ma għandhiex tiġi awtorizzata.

(7) Il-kummenti mill-applikanti u l-membri tal-pubbliku li rċeviet il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ġew ikkunsidrati fit-tfassil tal-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament.

(8) L-istqarrijiet li jirrigwardaw is-saħħa msemmija fl-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 huma soġġetti għall-miżuri tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 28(5) ta' dan ir-Regolament jekk ikunu konformi biss mal-kundizzjonijiet imsemmija fih, fost dawn li jridu jkunu konformi mar-Regolament. Billi l-Awtorità qatgħatha li ma ġiet stabbilita ebda rabta ta' kawża u effett bejn il-konsum ta' *Lactobacillus plantarum* 299v (DSM 9843) u l-effett mistqarr, l-istqarrija mhix konformi mar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, u għalhekk il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 28(5) ta' dan ir-Regolament ma japplikax. Hemm previst perjodu tranżitorju ta' sitt xhur biex jippermetti lill-operaturi tan-negozju tal-ikel jadattaw għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

[1] ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

[2] *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2009) 999, 1-9.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-istqarrija dwar is-saħħa stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament m'ghandhiex tiġi inkluża fil-lista Komunitarja ta' stqarrijiet permessi stipulati fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

Madankollu, tista' tibqa' tintuża ghal sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ghandu jidħol fis-seħħ fl-ghoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament ghandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2010.

Ghall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

Stqarrijiet dwar is-saħħa miċħuda

Applikazzjoni – Dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006	Nutrijent, sustanza, ikel jew kategorija ta' ikel	Stqarrija	Referenza tal-opinjoni tal-EFSA
L-Artikolu 13(5) stqarrija li tirrigwarda s-saħħa bbażata fuq evidenza xjentifika żviluppata reċentement u/jew li tinkludi talba ghall-harsien ta' dejta riżervata	*Lactobacillus plantarum* 299v (DSM 9843)	*Lactobacillus plantarum* 299v (DSM 9843) itejjeb l-assorbiment tal-ħadid	Q-2008-785

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 376/2010

tat-3 ta' Mejju 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 983/2009 dwar l-awtorizzazzjoni u r-rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa magħmula dwar l-ikel u li jirreferu għal tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea għas-Sigurezza Alimentari,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurezza Alimentari (EFSA), minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Awtorità, favur l-awtorizzazzjoni ta' indikazzjoni ta' saħħa għandha tinkludi ċerti dettalji. Għaldaqstant, dawk il-partikolaritajiet għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness ta' indikazzjonijiet awtorizzati tar-Regolamenti li jawtorizzaw u/jew jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni ta' certi indikazzjonijiet tas-saħħa magħmula fuq l-ikel u jinkludu, skont kif ikun il-każ, it-test rivedut tal-indikazzjoni, kundizzjonijiet speċifiċi ta' użu tal-indikazzjoni, u, fejn applikabbli, il-kundizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet ta' użu tal-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 u konformi mal-opinjonijiet tal-Awtorità.

(2) Wara żewġ opinjonijiet tal-Awtorità dwar l-istanols tal-pjanti u l-isterols tal-pjanti u t-tnaqqis ta' kolesterol LDL fid-demm (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-085 u Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-118) [2], il-Kummissjoni, awtorizzat l-indikazzjonijiet tas-saħħa li fihom l-istqarrija li sterols tal-pjanti/ l-esteri stanol tal-pjanti "ġie muri li jbaxxu/jnaqqsu l-kolesterol fid-demm. Il-kolesterol għoli huwa fattur ta' riskju fl-iżvilupp ta' mard tal-qalb" fir-Regolament (KE) 983/2009 [3] mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu ta' "Informazzjoni lill-konsumatur li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb meta jittieħed ta' kuljum l-ammont ta' mhux inqas minn 2 g ta' sterols tal-pjanti/stanols tal-pjanti".

(3) Fil-kuntest tal-proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' indikazzjonijiet tas-saħħa skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006, il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Frar 2009, ikkonkluda li, rigward l-indikazzjoni ta' effett kwantitattiv fl-indikazzjonijiet tas-saħħa, kien hemm il-ħtieġa ta' parir xjentifiku mill-Awtorità biex ikun assigurat li indikazzjonijiet tas-saħħa bħal dawn huma awtorizzati b'mod li ma jiġix imqarraq il-konsumatur u li l-kundizzjonijiet għall-użu huma stabbiliti b'mod koerenti. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni ressqet talba għal parir lill-Awtorità, skont l-Artikolu 19(2) ta' dan ir-Regolament.

(4) Fit-3 ta' Awissu 2009 il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew l-opinjoni xjentifika mill-Awtorità (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2009-00530 u EFSA-Q-2009-00718) [4] li kkonkludiet li għall-konsum ta' kuljum ta' 1,5 – 2,4 g ta' sterols/stanols tal-pjanti miżjuda mal-ikel bħal xaħam isfar li jiddellek, prodotti mill-ħalib, majoneż u taħwir tal-insalata wieħed jista' jistenna t-tnaqqis medju ta' bejn 7 u 10,5 % u dan it-tnaqqis huwa wieħed ta' sinifikat bijoloġiku. Barra minn hekk, l-Awtorità indikat li l-effett tat-tnaqqis tal-kolesterol LDL fid-demm huwa normalment stabbilit fi żmien 2-3 ġimgħat u jista' jiġi sostnut permezz ta' konsum kontinwu ta' sterols/stanols tal-pjanti.

(5) Għalhekk, filwaqt li tqieset l-opinjoni xjentifika mill-Awtorità u sabiex jiġi żgurat li l-indikazzjonijiet tas-saħħa li jirreferu għall-kobor tal-effett allegat huma awtorizzati b'mod li ma jqarrqux bil-konsumatur, u li l-kundizzjonijiet tagħhom ta' użu huma stabbiliti b'mod koerenti, huwa meħtieġ li jiġu emendati l-kundizzjonijiet stabbiliti tal-użu għal żewġ indikazzjonijiet tas-saħħa awtorizzati relatati mal-effetti tal-isterols tal-pjanti u l-esteri istanol tal-pjanti fit-tnaqqis tal-kolesterol fid-demm.

(6) Wara l-opinjoni tal-Awtorità dwar l-aċidi grassi essenzjali u b'mod partikolari l-aċidu α-linolenic (ALA) u l-aċidu linolejiku (LA) u t-tkabbir normali u l-iżvilupp tat-tfal (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2008-079) [5], il-Kummissjoni awtorizzat l-indikazzjoni tas-saħħa "L-aċidi grassi essenzjali huma meħtieġa għat-tkabbir u l-iżvilupp normali tat-tfal" fir-Regolament (KE) 983/2009 mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu ta' "Informazzjoni lill-konsumatur li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb bil-konsum ta' kuljum tal-ammont ta' 1 % tal-enerġija totali għall-aċidu linolejiku u 0,2 % tal-enerġija totali għal aċisu α-linoleniku".

[1] ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.
[2] *Il-Ġurnal tal-EFSA*, (2008) 781, 1-2 u 825, 1-13 rispettivament.
[3] ĠU L 277, 22.10.2009, p. 3.
[4] *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2009) 1175, 1-9.
[5] *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2008) 783, 1-10.

(7) Fil-kuntest tal-proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-indikazzjonijiet tas-saħħa skont ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006, il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, fil-laqgħa tiegħu tal-20 Frar 2009 kkonkluda li l-Awtorità għandha tintalab tagħti parir ġenerali dwar il-valuri ta' referenza għall-iskop tal-ittikkettar għall-aċidi grassi sabiex tista' ssir ir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet tal-użu għall-indikazzjoni tas-saħħa rilevanti awtorizzata, skont l-Artikolu 19(2) ta' dan ir-Regolament. Fit-3 ta' Awissu 2009 il-Kummissjoni u l-Istati Membri rċevew l-opinjoni xjentifika mill-Awtorità (Mistoqsija Nru EFSA-Q-2009-00548) [1] li kkonkludiet li l-ittikkettar propost tal-valur ta' referenza ta' 2 g għall-aċidu grass polyunsaturated n-3 (PUFA) ALA huwa konsistenti mal-konsum rakkomandat għall-individwi fil-popolazzjoni ġenerali fil-pajjiżi Ewropej. Barra minn hekk, l-Awtorità pproponiet 10 g bħala l-valur tal-konsum ta' referenza għall-tikkettjar għal n-6 PUFA LA.

(8) Għalhekk, filwaqt li tqis l-opinjoni xjentifika mill-Awtorità u sabiex tistabilixxi kundizzjonijiet xierqa tal-użu għall-indikazzonijiet tas-saħħa relatati mal-effetti tal-aċidi grassi, huwa meħtieġ li jiġu emendati l-kundizzjonijiet tal-użu stabbiliti għall-indikazzjonijiet tas-saħħa awtorizzati relatati mal-effetti tal-aċidi grassi essenzjali fuq it-tkabbir u l-iżvilupp normali tat-tfal.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 983/2009, it-tabella għandha tkun emendata kif ġej.

(1) It-test tal-ewwel entrata, il-ħames kolonna (Kundizzjonijiet tal-użu tal-indikazzjoni), huwa mibdul bit-test li ġej:

"Tagħrif lill-konsumatur li l-effett benefiċjali jinkiseb permezz tal-konsum ta' kuljum ta' 1,5-2,4 g ta' sterols tal-pjanti. Tista' ssir referenza għall-kobor tal-effett għal ikel fil-kategoriji li ġejjin biss: xaħam isfar li jiddellek, prodotti mill-ħalib, majoneż u taħwir tal-insalata. Meta tirreferi għall-kobor tal-effett, il-firxa sħiħa '*7 sa 10 %*' u t-tul biex jinkiseb l-effett '*minn 2 sa 3 ġimgħat*' għandhom jiġu kkomunikati lill-konsumatur."

(2) It-test tat-tieni entrata, il-ħames kolonna (Kundizzjonijiet tal-użu tal-indikazzjoni), huwa mibdul bit-test li ġej:

"Tagħrif lill-konsumatur li l-effett benefiċjali jinkiseb permezz tal-konsum ta' kuljum ta' 1,5-2,4 g ta' stanols tal-pjanti. Tista' ssir referenza għall-kobor tal-effett għal ikel fil-kategoriji li ġejjin biss: xaħam isfar li jiddellek, prodotti mill-ħalib, majoneż u taħwir tal-insalata. Meta tirreferi għall-kobor tal-effett, il-firxa sħiħa '*7 sa 10 %*' u t-tul biex jinkiseb l-effett '*minn 2 sa 3 ġimgħat*' għandhom jiġu kkomunikati lill-konsumatur."

(3) It-test tat-tielet entrata, il-ħames kolonna (Kundizzjonijiet tal-użu tal-indikazzjoni), huwa mibdul bit-test li ġej:

"Informazzjoni lill-konsumatur li l-effett ta' benefiċċju jinkiseb bil-konsum ta' kuljum tal-ammont ta' 2 g ta' α-aċidu linoleniku (ALA) u l-konsum ta' kuljum tal-ammont ta' 10 g ta' aċidu linoleiku (LA)".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] *Il-Ġurnal tal-EFSA* (2009) 1176, 1-11.

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 377/2010

tat-3 ta' Mejju 2010

li jimponi dazju provvisorju antidumping fuq importazzjonijiet ta' sodium gluconate li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Bidu

(1) Fit-30 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni rċeviet ilment li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' sodium gluconate ("SG") niexef li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") ippreżentat skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku mill-Kunsill tal-Industrija Ewropea tal-Kimiċi (CEFIC) ("il-kwerelant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ ta' aktar minn 50 %, tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' sodium gluconate niexef.

(2) L-ilment kien jinkludi evidenza *prima facie* ta' dumping u ta' dannu materjali minn dan id-dumping li tqies li kienet suffiċjenti biex ikun iġġustifikat il-bidu ta' proċediment antidumping.

(3) Fil-11 ta' Awwissu 2009, ingħata bidu ta' proċediment bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' inizjazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2].

2. Il-partijiet ikkonċernati mill-proċediment

(4) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment bl-inizjazzjoni tal-proċediment lill-produtturi esportaturi fiċ-Ċina, l-importaturi, il-kummerċjanti, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati, l-awtoritajiet taċ-Ċina u l-produtturi tal-Unjoni li lmentaw. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu.

(5) Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta ta' smiegħ.

(6) Sabiex il-produtturi esportaturi jkollhom l-opportunità li jressqu talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES") jew għal trattament individwali ("TI"), jekk riedu, il-Kummissjoni bagħtet formoli ta' talbiet lill-produtturi Ċiniżi li jesportaw li kien magħruf li huma kkonċernati, u lill-awtoritajiet taċ-Ċina. Produttur esportatur wieħed talab it-TES skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku u produttur esportatur ieħor, li jinkludi żewġ kumpaniji relatati, talbu t-TI skont l-Artikolu 9(5) tal-istess Regolament.

(7) Minħabba li n-numru ta' produtturi fiċ-Ċina u importaturi fl-Unjoni deher li kien kbir, il-Kummissjoni fl-avviż tal-bidu indikat li jista' jkun applikat it-teħid ta' kampjuni fil-każ ta' dawn il-partijiet skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(8) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk ikunx hemm il-ħtieġa ta' teħid ta' kampjuni u, jekk hu hekk, jingħażel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha fiċ-Ċina u l-importaturi fl-Unjoni ntalbu jippreżentaw ruħom lill-Kummissjoni u jipprovdu, kif speċifikat fl-avviż ta' bidu, tagħrif bażiku dwar l-attivitajiet tagħhom marbuta mal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009).

(9) Minħabba n-numru limitat ta' risposti għall-eżerċizzju ta' teħid ta' kampjuni, kien deċiż li ma kienx hemm bżonn ta' teħid ta' kampjuni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi jew għall-importaturi fl-Unjoni.

(10) Intbagħtu l-kwestjonarji lill-kumpaniji kollha fiċ-Ċina u lill-importaturi fl-Unjoni li rrispondew għall-eżerċizzju tat-teħid tal-kampjun, lill-produtturi fl-Unjoni, u lill-importaturi u l-utenti kollha magħrufa fl-Unjoni. Waslu r-risposti minn żewġ produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi fiċ-Ċina, żewġ produtturi fl-Unjoni u erba' importaturi/utenti.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU C 188, 11.8.2009, p. 24.

(11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li qieset li kien meħtieġ għad-determinazzjoni provviżorja ta' dumping, għad-dannu li rriżultat kif ukoll għall-interess tal-Unjoni u għamlet żjarat ta' verifika fil-post fil-kumpaniji li ġejjin:

(1) Il-produtturi fl-Unjoni:

— Jungbunzlauer (JBL), Marckolsheim, Franza, u kumpaniji tal-bejgħ relatati

— Roquette Italia S.p.A., Cassano Spinola, l-Italja, u kumpaniji tal-bejgħ relatati

(2) Produtturi esportaturi fiċ-Ċina:

— Shandong Kaison Biochemical Co., Ltd

— Qingdao Kehai Biochemistry Co., Ltd

(3) Utenti/Importaturi fl-Unjoni:

— Chryso SAS, Issy les Moulineaux, Franza

— Henkel AG, Dusseldorf, il-Ġermanja

— CHT R. Beitlich GmbH, Tuebingen, il-Ġermanja

(12) Minħabba l-ħtieġa li jiġi stabbilit valur normali għall-produtturi li jesportaw fiċ-Ċina li jista' ma jingħatalhomx TES, saret verifika fil-bini tal-kumpanija li ġejja sabiex jiġi stabbilit il-valur normali fuq il-bażi tad-dejta tal-pajjiż analogu, f'dan il-każ l-Istati Uniti tal-Amerika:

— Produttur fl-Istati Uniti tal-Amerika

3. Il-perjodu tal-investigazzjoni

(13) L-investigazzjoni tad-dumping u l-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2008 sat-30 ta' Ġunju 2009 ("perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-aħħar tal-perjodu għall-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

(14) Il-prodott ikkonċernat huwa s-sodium gluconate niexef li joriġina miċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat"), bin-numru tal-Unjoni Doganali u tal-Istatistika (CUS) 0023277-9 u n-numru tar-reġistrazzjoni tas-Servizz tal-Astratti Kimiċi (CAS) 527-07-1, attwalment ikklassifikat bil-kodiċi tan-NM ex 2918 16 00.

(15) Is-sodium gluconate niexef jintuża l-iktar fl-industrija tal-bini bħala ritardatur tat-tgħaqqid u plastiċizzatur tal-konkos u f'industriji oħra bħala trattament tal-wiċċ għall-metalli (tneħħija ta' sadid, ossidi u xaħam) u għat-tindif ta' fliexken u apparat industrijali. Il-prodott jista' jintuża wkoll fl-industriji tal-ikel u tal-farmaċewtiċi.

2. Il-prodott simili

(16) L-investigazzjoni wriet li s-sodium gluconate niexef prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, is-sodium gluconate niexef prodott u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Istati Uniti tal-Amerika, li ntgħażlu bħala l-pajjiż analogu, is-sodium gluconate niexef prodott u mibjugħ fis-suq domestiku fiċ-Ċina u s-sodium gluconate niexef prodott fiċ-Ċina u mibjugħ lill-Unjoni essenzjalment għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi.

(17) Għalhekk dawn il-prodotti jitqiesu provviżorjament bħala li jixxiebħu skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. DUMPING

1. It-Trattament ta' Ekonomija tas-Suq ("TES")

(18) Skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, fl-investigazzjonijiet kontra d-dumping dwar l-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina, il-valur normali għal dawk il-produtturi esportaturi li nstabu li qed jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku għandu jiġi ddeterminat skont il-paragrafi 1 sa 6 tal-Artikolu msemmi.

(19) Fil-qosor, u għal faċilità ta' referenza biss, il-kriterji tat-TES huma elenkati f'forma mqassra hawn taħt:

(1) Id-deċiżjonijiet u l-ispejjeż kummerċjali jsiru b'reazzjoni għas-sinjali tas-suq u mingħajr indħil sinifikanti min-naħa tal-Istat; l-ispejjeż tal-materjal ewlieni użat fil-produzzjoni jirriflettu sostanzjalment il-valuri tas-suq;

(2) Id-ditti għandhom sett wieħed ċar ta' rekords bażiċi tal-kontabilità li jiġu indipendentement ivverifikati skont l-istandards internazzjonali tal-kontabilità u jiġu applikati għall-finijiet kollha;

(3) Ma hemm l-ebda distorsjoni sinifikanti li ntirtet mis-sistema preċedenti ta' ekonomija mhux tas-suq;

(4) Il-liġijiet tal-falliment u tal-proprjetà jiggarantixxu ċ-ċertezza u l-istabbiltà legali;

(5) Il-konverżjonijiet tar-rati tal-kambju jitwettqu skont ir-rati tas-suq.

(20) Wara l-bidu tal-proċedura, produttur esportatur Ċiniż wieħed, Shandong Kaison Biochemical Co., Ltd, talab TES skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku u wieġeb għall-formola tat-talba tat-TES fl-iskadenzi taż-żmien mogħtija.

(21) Il-kumpanija wriet li hi ssodisfat il-kriterji tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku u setgħet tingħata TES.

2. **Trattament individwali ("TI")**

(22) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, dazju fuq skala nazzjonali, jekk jeżisti, għandu jkun stabbilit għal pajjiżi li jaqgħu taħt dak l-Artikolu, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-kumpaniji jkunu jistgħu juru li jissodisfaw il-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku biex jingħataw TI.

(23) Fil-qosor, u għal referenza aktar faċili biss, dawn il-kriterji huma stabbiliti hawn taħt:

(1) Fil-każ ta' kumpaniji jew impriżi konġunti totalment jew parzjalment f'idejn barranin, l-esportaturi huma liberi li jibagħtu lura lejn pajjiżhom il-kapital u l-profitti;

(2) Il-prezzijiet tal-esportazzjoni u l-kwantitajiet u l-kondizzjonijiet u t-termini tal-bejgħ huma determinati liberament;

(3) Il-parti l-kbira tal-ishma jappartjenu lil persuni privati. L-uffiċjali tal-Istat li jidhru fuq il-bord tad-diretturi jew li għandhom pożizzjonijiet ta' maniġment ewlenin għandhom jew ikunu f'minoranza jew għandu jintwera li l-kumpanija hija madankollu indipendenti biżżejjed minn indħil mill-Istat;

(4) Il-konverżjonijiet tar-rata tal-kambju jsiru skont ir-rati tas-suq; kif ukoll

(5) L-indħil mill-Istat mhux tali li jkun possibbli li l-esportaturi individwali ma jimxux mal-miżuri jekk jingħatawlhom rati differenti tad-dazju.

(24) Wara l-bidu tal-proċedura, produttur esportatur Ċiniż wieħed, Qingdao Kehai Biochemistry Co., Ltd, talab TI skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku u wieġeb għall-formola tat-talba tat-TI fl-iskadenzi taż-żmien mogħtija.

(25) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, instab li l-produttur esportatur Ċiniż issodisfa l-ħtiġijiet kollha għat-TI kif stabbilit fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku.

3. **Valur normali**

3.1. *Il-pajjiż analogu*

(26) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, f'ekonomiji fi transizzjoni l-valur normali għall-produtturi li jesportaw li ma ngħatawx it-TES irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew valur kostrutt f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ('pajjiż analogu').

(27) Fl-avviż ta' bidu, l-Istati Uniti tal-Amerika ġew proposti bħala pajjiż analogu xieraq biex ikun stabbilit il-valur normali għaċ-Ċina. Il-Kummissjoni ħeġġet lill-partijiet interessati kollha biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar din il-proposta.

(28) Ma kien hemm l-ebda kummenti minn kwalunkwe parti interessata.

(29) 'Il hinn mill-UE, is-sodium gluconate niexef huwa prodott f'għadd żgħir ħafna ta' pajjiżi, jiġifieri l-Istati Uniti tal-Amerika, iċ-Ċina u l-Korea t'Isfel. Għaldaqstant l-unika alternattiva possibbli għall-Istati Uniti tal-Amerika kienet il-Korea t'Isfel. Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-kumpaniji magħrufa li jipproduċu s-sodium gluconate fil-Korea t'Isfel, iżda ma waslet lura ebda risposta minn għand dawk il-produtturi.

(30) Il-produttur fl-Istati Uniti tal-Amerika kkoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni billi ssottometta tweġiba kompluta għall-kwestjonarju u aċċetta li ssir żjara ta' verifika.

(31) Il-Kummissjoni sabet li l-Istati Uniti tal-Amerika jissodisfaw il-kriterji bħala pajjiż analogu xieraq billi l-kwantitajiet mibjugħa f'dan is-suq kienu kbar biżżejjed u kien hemm biżżejjed kompetizzjoni fis-suq kemm mal-produzzjoni domestika kif ukoll mal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, jiġifieri ċ-Ċina, l-Italja u Franza. Barra minn hekk, l-Istati Uniti tal-Amerika ma kellhom ebda dazju kontra d-dumping fir-rigward tal-prodott ikkonċernat.

(32) Minħabba dak li ntqal aktar 'il fuq, qed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-Istati Uniti tal-Amerika jikkostitwixxu pajjiż analogu xieraq skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

3.2. *Il-metodoloġija applikata għad-determinazzjoni tal-valur normali*

3.2.1. Għall-kumpanija li ngħatat TES

(33) Għall-kumpaniji li ngħatat TES, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet jekk il-bejgħ domestiku tas-sodium gluconate niexef lil konsumaturi indipendenti kienx rappreżentattiv matul il-PI, jiġifieri jekk il-volum totali ta' dan il-bejgħ kienx jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-ammont totali ta' bejgħ mill-esportazzjoni Ċiniża tal-prodott lejn l-Unjoni.

(34) Il-Kummissjoni sussegwentement identifikat dawk it-tipi ta' prodotti mibjugħa b'mod domestiku mill-kumpanija li għandha bejgħ domestiku rappreżentattiv globali, li kienu identiċi jew direttament komparabbli mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lill-Unjoni.

(35) Għal kull tip mibjugħ mill-produttur esportatur fis-suq lokali tiegħu u misjub li huwa komparabbli direttament mat-tipi ta' sodium gluconate niexef mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, ġie stabbilit jekk il-bejgħ lokali kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-għanijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott partikolari kien ikkunsidrat suffiċjentement rappreżentattiv meta l-ammont ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-PI rrappreżenta tal-anqas 5 % tal-ammont totali tat-tip ta' prodott kumparabbli mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

(36) Il-Kummissjoni sussegwentement eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' sodium gluconate niexef mibjugħ fis-suq domestiku fi kwantitajiet rappreżentattivi setax jitqies li sar tul l-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi għal kull tip ta' prodott ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ bi qligħ lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(37) Fejn il-volum tal-bejgħ ta' tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz nett ta' bejgħ daqs jew ogħla mill-ispiża tal-produzzjoni rrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip, u fejn il-prezz medju differenzjat ta' dan it-tip kien daqs jew ogħla mill-ispiża tal-produzzjoni, il-valur normali ġie bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv. Dan il-prezz ġie kkalkulat bħala l-medja differenzjata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dan it-tip matul il-PI, sew jekk dan il-bejgħ kienx bi qligħ u sew jekk le.

(38) Fejn il-volum ta' bejgħ bi profitt ta' tip ta' prodott irrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip, jew fejn il-prezz medju differenzjat ta' dan it-tip kien taħt il-kost ta' produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, ikkalkulat bħala medja differenzjata ta' bejgħ bi profitt ta' dan it-tip biss.

(39) Billi l-investigazzjoni wriet li l-bejgħ domestiku kien kemm rappreżentattiv kif ukoll sar fl-andament ordinarju tal-kummerċ, il-valur normali kien għaldaqstant ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali tat-tranżazzjonijiet kollha matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

3.2.2. Għall-kumpanija li ngħatat TI

(40) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għaċ-Ċina ġie stabbilit fuq il-bażi tal-informazzjoni vverifikata li ġiet ipprovduta mill-produttur li qed jikkoopera fil-pajjiż analogu. Il-bejgħ domestiku tal-produttur Amerikan tal-prodott simili nstab li kien rappreżentattiv meta mqabbel mal-prodott ikkonċernat esportat lejn l-Unjoni mill-uniku produttur esportatur fiċ-Ċina li kkoopera.

(41) Sar ukoll eżami dwar jekk il-bejgħ domestiku jistax jitqies li sar fl-andament normali tal-kummerċ, billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti. Għaldaqstant, il-valur normali ġie bbażat fuq il-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott, ikkalkulat bħala medja differenzjata tal-prezzijiet għall-bejgħ domestiku kollu magħmul matul il-PI.

3.3. *Il-Prezz tal-Esportazzjoni*

(42) Il-bejgħ tal-esportazzjoni kollu tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi li kkooperaw sar direttament lil konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, u għalhekk il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet li attwalment tħallsu jew li huma pagabbli għall-prodott ikkonċernat fil-PI skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.4. *Tqabbil*

(43) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni sar fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(44) Sabiex ikun żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffetwaw il-prezzijiet u l-paragunabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għall-kumpaniji kollha investigati (produtturi li jesportaw li qed jikkooperaw fil-pajjiż analogu) saru aġġustamenti għad-differenzi fil-prezz tat-trasport, spejjeż tal-ġarr u assikurazzjoni, tassazzjoni indiretta, miżati tal-banek, spejjeż tal-ippakkjar, spejjeż tal-kreditu u kummissjonijiet, fejn applikabbli u ġustifikat.

4. **Il-marġnijiet tad-dumping**

(45) Għall-kumpanija li ngħatat TES, il-marġini ta' dumping ġie stabbilit abbażi ta' tqabbil tal-valur normali b'piż differenzjat ma' prezz tal-esportazzjoni b'piż differenzjat, kif jipprevedu l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(46) Għall-kumpanija li ngħatat TI, il-valur normali medju differenzjat stabbilit għall-pajjiż analogu kien imqabbel mal-koefficjent medju tal-prezz tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, kif stipulat skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.

(47) Il-marġini tad-dumping medji differenzjati temporanji espressi bħala perċentwali tal-prezz CIT fil-fruntiera tal-Unjoni, dazju mhux imħallas, huma:

Kumpanija	Marġni ta' dumping provviżorju
Shandong Kaison Biochemical Co., Ltd	5,6 %
Qingdao Kehai Biochemistry Co. Ltd	51,1 %

(48) Fir-rigward tal-esportaturi Ċiniżi l-oħra kollha, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet il-livell ta' kooperazzjoni. Sar paragun bejn il-kwantitajiet tal-esportazzjoni totali indikati fit-tweġibiet tal-kwestjonarju tal-produtturi li jesportaw li qed jikkooperaw u l-importazzjonijiet totali miċ-Ċina, kif miġbura mill-istatistiċi tal-importazzjoni tal-Eurostat.

(49) Billi l-livell ta' kooperazzjoni kien baxx, jiġifieri 56 %, u minħabba n-nuqqas ta' dejta adatta tal-Eurostat dwar il-prezz billi din inkludiet prodotti oħra bi prez għoli li ma jistgħux jitnaqqsu b'mod preċiż, il-marġini tad-dumping mal-pajjiż kollu ġiet ikkalkulata billi ntużat id-dejta mill-ilment aġġornata għall-PI.

(50) Fuq din il-bażi l-livell ta' dumping mal-pajjiż kollu ġie stabbilit b'mod provviżorju għal 79,2 % tal-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas.

D. DANNU

1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni

(51) Il-gruppi industrijali li kkooperaw Jungbunzlauer (JBL) u Roquette Frères (RF) ammontaw għal 100 % tal-produzzjoni tal-Unjoni.

(52) Huma għalhekk meqjusin li jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni ('IU') fit-tifsira tal-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

(53) Peress li l-IU b'hekk hija magħmula minn żewġ produtturi biss, iċ-ċifri kollha relatati ma' dejta sensittiva kellhom jiġu indiċjati jew jingħataw f'firxa għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

2. Konsum tal-Unjoni

(54) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, flimkien mal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni skont id-dejta tal-Eurostat. Billi din id-dejta tal-aħħar tinkludi mhux biss il-prodott ikkonċernat iżda wkoll xi prodotti oħra apparti s-sodium gluconate, saru l-aġġustamenti xierqa għaċ-ċifri tal-Eurostat ħalli jiġu stmati valuri ta' importazzjoni raġjonevoli tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni.

(55) Il-konsum fis-suq tal-Unjoni żdied bi 12 % bejn l-2005 u l-2007. Wara, naqas b'21 % taħt il-livelli tal-2005 sal-PI. Kumplessivament, matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat il-konsum naqas bi 8 %.

Tabella 1

	2005	2006	2007	2008	PI
Konsum tal-Unjoni (f'tunnellati) *Indiċi*	100	106	112	104	91

Sors: Volumi tal-importazzjoni mill-Eurostat aġġustati u risposti tal-kwestjonarju

3. Importazzjonijiet lejn l-Unjoni miċ-Ċina

3.1. *Volum u sehem tas-suq tal-importazzjonijiet*

(56) Il-volum tal-importazzjoni Ċiniża żdied b'mod sinifikanti minn madwar 2 300 tunnellata fl-2005 għal madwar 4 000 tunnellata matul il-PI, jiġifieri b'77 %, bl-ogħla rata ta' madwar 5 300 tunnellata tintlaħaq fl-2008. Sehem is-suq Ċiniż korrispondenti kważi rdoppja minn 12,8 % fl-2005 għal 24,8 % matul il-PI. Huwa nnutat li sehem is-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi laħaq it-28,6 % fl-2008 kemxejn qabel il-PI u niżel matul il-PI għal 24,8 %.

Tabella 2

	2005	2006	2007	2008	PI
Volumi tal-importazzjoni Ċiniża (f'tunnellati)	2 291	3 470	5 204	5 348	4 065
Importazzjonijiet Ċiniżi (tunnellati) *Indiċi*	100	152	227	234	177
Sehem is-suq Ċiniż	12,8 %	18,3 %	26 %	28,6 %	24,8 %
Sehem is-suq Ċiniż, indiċi	100	143	203	224	194

Sors: Volumi tal-importazzjoni mill-Eurostat aġġustati

3.2. *Il-prezz tal-bejgħ tal-unitajiet*

(57) Il-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniża medja kienu ta' EUR 482 kull tunnellata fl-2005. Dawn żdiedu b'mod regolari sakemm laħqu livell ta' EUR 524 kull tunnellata fl-2008 u mbagħad niżlu f'daqqa matul il-PI għal EUR 502 kull tunnellata. Kumplessivament, tul il-perjodu meqjus dawn żdiedu b'4 %.

Tabella 3

	2005	2006	2007	2008	PI
Prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniża (EUR/tunnellati)	482	511	514	524	502
Indiċi	100	106	107	109	104

Sors: Prezzijiet tal-importazzjoni mill-Eurostat aġġustati

3.3. *Bejgħ taħt il-prezz*

(58) Sabiex ikun analizzat it-traħħis tal-prezzijiet taħt il-prezz normali, il-prezzijiet medji u mgħobbija tal-bejgħ skont it-tip ta' prodott tal-IU lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell barra mill-fabbrika, kienu pparagunati mal-prezzijiet medji u mgħobbija korrispondenti tal-importazzjonijiet ikkonċernati, stabbiliti fuq bażi CIF b'aġġustament xieraq għad-dazji doganali u għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni. Il-paragun sar wara t-tnaqqis tar-ribassi u tal-iskonti.

(59) Fuq il-bażi tal-metodoloġija ta' hawn fuq, id-differenza bejn il-prezzijiet hawn fuq imsemmija, imfissra bħala perċentwali tal-medja differenzjata tal-prezz tal-IU (prezzijiet tal-fabbrika), turi marġini ta' roħs ta' prezz li jvarja minn 13 % sa 29 %, bl-ogħla livell attribwit għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx.

4. **Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(60) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li kienu oġġetti ta' dumping fuq l-IU inkluda valutazzjoni tal-fatturi ekonomiċi rilevanti kollha li għandhom rilevanza għall-istat tal-IU matul il-perjodu meqjus.

4.1. *Il-kapaċità ta' produzzjoni, il-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità*

(61) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'4 % fil-perjodu mill-2005 sal-2007, u baqgħet f'dak il-livell sa tmiem il-perjodu meqjus.

(62) Il-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat żdiedet bejn l-2005 u l-2007 qabel ma naqset fil-perjodu dal-PI. Kumplessivament, il-produzzjoni naqset bi 12 % tul il-perjodu meqjus. Il-produttività totali matul il-PI kienet ta' bejn 30 000 u 40 000 tunnellata.

(63) Minħabba t-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni, tul il-perjodu meqjus l-użu tal-kapaċità tnaqqas bi 15 %.

Tabella 4

	2005	2006	2007	2008	PI
Kapaċità ta' produzzjoni *Indiċi*	100	100	104	104	104
Volum ta' produzzjoni *Indiċi*	100	104	105	84	88
Użu ta' kapaċità *Indiċi*	100	104	101	81	85

Sors: Risposti għall-kwestjonarju

4.2. *Il-volum tal-bejgħ, l-ishma mis-suq u l-prezzijiet medji tal-unitajiet fl-Unjoni*

(64) Il-bejgħ f'volum tal-prodott ikkonċernat mill-IU lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni żamm livelli simili mill-2005 sal-2007 u mbagħad naqas f'daqqa bi 13-il punt perċentwali. Tul il-perjodu meqjus, it-tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ kien ta' 21 %.

(65) Sehem is-suq tal-IU naqas tul il-perjodu meqjus, b'waqgħa minn 74,9 % fl-2005 għal 64,7 % matul il-PI.

(66) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ lil klijenti li mhumiex relatati fis-suq tal-Unjoni naqsu bi 12 % matul il-perjodu meqjus. Mill-2006 sal-2008 il-prezzijiet medji tal-bejgħ żammew f'livelli simili iżda mbagħad niżlu f'daqqa b'9 % matul il-PI.

Tabella 5

	2005	2006	2007	2008	PI
Volum ta' bejgħ *Indiċi*	100	104	99	86	79
Sehem is-suq tal-IU	74,9 %	73,4 %	66,5 %	61,4 %	64,7 %
Indiċi	100	98	89	82	86
Prezzijiet medji *Indiċi*	100	97	97	97	88

Sors: Risposti għall-kwestjonarju

4.3. *Ħażniet*

(67) Tul il-perjodu meqjus, il-ħażniet naqsu b'37 %. Fi tmiem il-PI, il-livell tal-ħażna kien bejn 1 000 u 5 000 tunnellata.

Tabella 6

	2005	2006	2007	2008	PI
Ħażniet *Indiċi*	100	92	120	92	63

Sors: Risposti għall-kwestjonarju

4.4. *Profittabilità, investimenti, redditu mill-investimenti u l-likwidità tal-flus*

(68) Il-bejgħ tal-IU tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni kienu profittabbli matul il-perjodu meqjus, iżda l-profittabilità naqset drammatikament mill-2005 sal-PI.

(69) Minkejja li l-investiment baqgħu għaddejjin tul il-perjodu bejn l-2005 u l-2007, bi tnaqqis fl-2006, dawn naqsu bil-qawwi fl-2008 u matul il-PI. Tul il-perjodu meqjus l-investimenti naqsu b'76 %.

(70) Fuq xejra simili, ir-redditu fuq l-investimenti mill-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat kien stabbli mill-2005 sal-2007, iżda naqas fl-2008 u matul il-PI.

(71) Bħal fil-każ tal-indikaturi finanzjarji l-oħrajn, il-likwidità tal-flus iġġenerata mill-IU naqset b'51 % tul il-perjodu meqjus.

Tabella 7

	2005	2006	2007	2008	PI
Profittabilità *Indiċi*	100	90	86	52	19
Investimenti *Indiċi*	100	61	140	16	24
Redditi fuq l-investimenti *Indiċi*	100	100	100	60	21
Likwidità tal-flus *Indiċi*	100	92	20	106	49

Sors: Risposti għall-kwestjonarju

4.5. *Ix-xogħol, il-produttività u l-pagi*

(72) L-impjiegi żdiedu ftit mill-2005 sal-2007 u mbagħad naqsu fl-2008 u tul il-PI. Matul il-perjodu meqjus l-impjiegi naqsu bi 13 %.

(73) Il-pagi naqsu b'6 % fl-2006 iżda reġgħu lura għal-livelli tal-2005 fl-2007 u mbagħad żdiedu fl-2008 u matul il-PI. Matul il-perjodu kkunsidrat il-pagi żdiedu b'10 %.

(74) Il-produttività għal kull impjegat baqgħet stabbli matul il-perjodu meqjus, b'żieda ta' 1 % mill-2005 sal-PI.

Tabella 8

	2005	2006	2007	2008	PI
Impjiegi *Indiċi*	100	99	104	85	87
Pagi *Indiċi*	100	94	100	104	110
Produttività *Indiċi*	100	104	101	99	101

Sors: Risposti għall-kwestjonarju

4.6. *Tkabbir*

(75) Filwaqt li l-konsum tal-Unjoni tul il-perjodu meqjus naqas b'9 %, il-volum tal-bejgħ tal-IU naqas b'21 %. Dan wassal għal telf tas-sehem mis-suq mill-IU tul il-perjodu meqjus ta' 10 punti perċentwali.

4.7. *Id-daqs tal-marġini ta' dumping*

(76) Il-marġnijiet ta' dumping għaċ-Ċina, speċifikati hawn fuq fit-taqsima dwar id-dumping, huma sinifikanti. Minħabba l-ammonti u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-oġġetti ta' dumping, l-impatt tal-marġini tad-dumping ma jistax jiġi kkunsidrat bħala negliġibbli.

5. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(77) Tul il-perjodu meqjus, il-parti l-kbira tal-indikaturi tad-dannu li għandhom x'jaqsmu mal-IU żviluppaw negattivament. L-indikaturi relatati mal-prestazzjoni finanzjarja tal-IU, inklużi r-redditu fuq l-investimenti, il-likwidità tal-flus u l-profittabilità, ukoll żviluppaw negattivament.

(78) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-importazzjonijiet irħas Ċiniżi kienu qed jinbiegħu taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'sa 29 % matul il-PI. L-IU sofriet tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ u waqgħa fis-sehem mis-suq.

(79) Fid-dawl ta' dak li ssemma, huwa konkluż provviżorjament li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

E. **KAWŻALITÀ**

1. **Introduzzjoni**

(80) Skont l-Artikoli 3(6) u 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni Ewropea eżaminat jekk l-importazzjonijiet li kienu suġġetti għal dumping ta' sodium gluconate niexef li oriġinaw miċ-Ċina kkawżawx dannu lill-IU sal-punt li jkun jista' jiġi kklassifikat bħala wieħed materjali. Fatturi magħrufa oħra differenti mill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, li setgħu fl-istess ħin ikunu qed jikkawżaw dannu lill-IU, ġew ukoll eżaminati biex ikun żgurat li l-ħsara li possibbilment kienet ikkaġunata minn dawn il-fatturi l-oħra ma kinitx attribwita lill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping.

2. **L-effett tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping**

(81) Tul il-perjodu kkunsidrat l-importazzjonijiet ta' oġġetti ta' dumping bi prezz irħis miċ-Ċina żdiedu fil-volum b'77 %, biex wasslu f'żieda tas-sehem tal-importazzjonijiet Ċiniżi mis-suq tal-Unjoni ta' 94 % tul l-istess perjodu. It-tnaqqis ta' importazzjonijiet miċ-Ċina bejn l-2008 u l-PI inkluż it-telf tas-sehem mis-suq mhux meqjus bħala sinifikanti meta mqabbel mal-qagħda kumplessiva osservata matul il-perjodu kkunsidrat.

(82) Din iż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina matul il-perjodu kkunsidrat ħabtet ma' xejra 'l isfel fil-biċċa l-kbira tal-indikaturi ta' dannu tal-IU. L-IU sofriet tnaqqis fil-bejgħ tagħha, kemm fil-volumi kif ukoll fil-valuri, fis-suq tal-Unjoni, li rriżulta f'telf ta' sehem mis-suq ta' 10 punti perċentwali tul il-perjodu kkunsidrat kif issemma hawn fuq fil-premessa (65). Il-bejgħ taħt il-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniżi li kienu oġġett ta' dumping żamm lill-IU milli żżomm il-livelli tal-prezzijiet tagħha fis-suq tal-Unjoni. Dan wassal għal tnaqqis sinifikanti fil-profittabilità taħt livelli li jħallu lok għall-investimenti neċessarji.

(83) Fuq il-bażi ta' dak li ssemma aktar 'il fuq, qed jiġi provviżorjament konkluż li l-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi li kienu suġġetti għal dumping miċ-Ċina li kienu ferm irħas mill-prezzijiet tal-IU matul il-perjodu kkunsidrat kellhom rwol determinanti fid-dannu li sofriet l-industrija tal-Unjoni, li huwa rifless fis-sitwazzjoni finanzjarja batuta tagħha u fid-deterjorament tal-indikaturi taddannu l-oħra matul il-perjodu kkunsidrat, kif ukoll fit-telf tas-sehem mis-suq.

3. **L-effett ta' fatturi oħra**

3.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra*

(84) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi mhux ikkonċernati f'din l-investigazzjoni naqsu bi 23 % tul il-perjodu kkunsidrat bir-riżultat ta' telf ta' sehem mis-suq ta' 2 punti perċentwali tul il-perjodu kkunsidrat. Matul il-perjodu ikkunsidrat, il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet żdied b'102 %.

(85) It-tendenzi fl-ammonti u l-prezzijiet ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi matul il p-perjodu kkunsidrat kienu kif ġej:

Tabella 9

Pajjiżi terzi oħra	2005	2006	2007	2008	PI
Importazzjonijiet oħra totali f'volum (tunnellati)	2 210	1 566	1 502	1 867	1 709
Indiċi	100	71	68	84	77
Prezz medju ta' importazzjonijiet oħra (€/tunnellata)	914	1 275	1 305	1 680	1 844
Indiċi	100	140	143	184	202

Sors: Dejta tal-Eurostat aġġustata

(86) Il-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra naqsu bi 23 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjoni rduppjaw matul l-istess perjodu. Il-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra kienu sinifikament ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-IU matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Abbażi ta' dan, hu provviżorjament konkluż li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ma kisrux ir-rabta kawżali bejn id-dumping misjub u d-dannu materjali kkawżat lill-IU mill-importazzjonijiet li kienu suġġetti għal dumping miċ-Ċina.

3.2. *Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(87) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-bejgħ għall-esportazzjoni mill-IU naqas b'10 % u l-prezzijiet żdiedu bi 8 %.

(88) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-bejgħ għall-esportazzjoni tal-IU lil pajjiżi terzi oħra jitqies li ma jiksirx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping miċ-Ċina u d-dannu materjali li sofriet.

3.3. *Użu intern*

(89) Matul il-perjodu kkunsidrat l-użu intern mill-IU żdied b'56 % kif turi t-tabella li ġejja:

Tabella 10

	2005	2006	2007	2008	PI
Użu intern *Indiċi*	100	126	115	148	156

Sors: Risposti għall-kwestjonarju

(90) Madankollu, huwa nnotat li l-IU xorta kellha kapaċità żejda f'firxa bejn 10 000 u 20 000 tunnellata. Dan ifisser li trasferiment għal użu intern jista' jidher bħala reazzjoni tan-negozju għall-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping miċ-Ċina, billi jaf iħalli iktar qliegħ li tipproduċi prodotti 'l isfel fil-katina tal-bejgħ (downsteam products) minħabba l-livelli baxxi fil-prezz tas-sodium gluconate. Il-fatt li għadha disponibbli kapaċità żejda konsiderevoli għas-sodium gluconate jindika li l-IU ma tfittix li tittrasferixxi b'mod definittiv il-produzzjoni lejn prodotti downstream u li l-produzzjoni ta' prodotti downstream tista' titqies bħala miżura ta' difiża kontra l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping.

(91) Għaldaqstant jitqies li ż-żieda fl-użu intern ma kisritx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina u d-dannu materjali li sofriet l-IU.

3.4. *L-iżvilupp tal-konsum fl-UE*

(92) Huwa nnutat li l-konsum fl-UE naqas b'9 % matul il-perjodu kkunsidrat, u dan jista' jidher bħala konsegwenza tan-nuqqas fir-ritmu ekonomiku ta' bħalissa. Għaldaqstant ġie mistħarreġ jekk it-tnaqqis fil-konsum setax kellu effett fuq il-qagħda dannuża fl-IU.

(93) Madankollu, il-volum tal-bejgħ tal-IU naqas sa punt ferm akbar, jiġifieri b'21 % filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'77 % matul l-istess perjodu. Meta wieħed iqis issehem mis-suq, tista' tiġi osservata l-istess xejra. L-IU tilfet madwar 10 punti perċentwali tas-sehem mis-suq tagħha filwaqt li l-importaturi Ċiniżi kważi rduppjaw tagħhom, minn 12,8 % fl-2005 għal 24,9 % fil-PI.

(94) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, qed jiġi provviżorjament konkluż li t-tnaqqis fil-konsum tal-UE ma jistax minnu nniffsu jitqies bħal kawża li tikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet miċ-Ċina li kienu oġġett ta' dumping u d-dannu materjali sofrut mill-IU.

4. **Il-konklużjoni dwar il-kawża tad-danni**

(95) L-analiżi t'hawn fuq uriet li kien hemm żieda sostanzjali fil-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping li oriġinaw miċ-Ċina matul il-perjodu kkunsidrat flimkien ma bejgħ taħt il-prezz sinifikanti. Din iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi miċ-Ċina ħabtet ma' tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-IU li, flimkien mal-pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet, irriżultat f'deterjorazzjoni tal-qagħda tal-IU tul il-perjodu kkunsidrat. Min-naħa l-oħra, l-eżami tal-fatturi l-oħra li setgħu kienu ta' ħsara għall-IU wrew li ebda wieħed minnhom ma seta' kellu impatt negattiv sinifikanti.

(96) Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li għamlet distinzjoni xierqa u sseparat l-effetti tal-fatturi magħrufa kollha li kellhom effett fuq is-sitwazzjoni tal-IU, mill-effett dannuż tal-importazzjonijiet li kienu suġġetti għal dumping, qed jiġi konkluż provviżorjament li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kkawżaw dannu materjali lill-IU fit-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

F. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

1. **Rimarka preliminari**

(97) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni Ewropea eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni dwar id-dumping li huwa ta' ħsara, kinux jeżistu raġunijiet kostriġenti li m'huwiex fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri kontra d-dumping f'dan il-każ partikolari. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi kollha differenti involuti, jiġifieri dawk tal-IU, tal-importaturi u tal-utenti tal-prodott ikkonċernat.

2. **L-industrija tal-Unjoni**

2.1. *L-effetti tal-impożizzjoni jew tan-nuqqas ta' impożizzjoni tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni*

(98) Kif spjegat hawn fuq, minħabba l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping, seħħ dannu fl-għamla ta' tnaqqis sinifikanti fil-volum tal-bejgħ u l-prezzijiet, li min-naħa tiegħu rriżulta f'deterjorament tal-qagħda tal-IU. Huwa mistenni li, wara l-impożizzjoni ta' dazji kontra d-dumping, il-volumi u l-prezzijiet tas-sodium gluconate niexef mibjugħa mill-IU jiżdiedu u dan konsegwentement jippermetti lill-IU biex tilħaq livell aċċettabbli ta' profittabilità.

(99) Jitqies li l-impożizzjoni tal-miżuri għandha terġa' ġġib il-kompetizzjoni ġusta fis-suq. Għandu jiġi nnotat li t-tnaqqis fil-profitti tal-IU hija r-riżultat tad-diffikultà li għandha biex tikkompeti mal-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, bi prezzijiet baxxi li joriġinaw miċ-Ċina. L-impożizzjoni ta' miżuri antidumping probabbilment tqiegħed lill-IU fil-pożizzjoni li tikseb mill-ġdid għallinqas parti mis-sehem mis-suq mitluf tagħha b'impatt pożittiv konsegwenti fuq il-profittabilità.

(100) Jekk ma jkunux imposti miżuri, huwa probabbli li s-sitwazzjoni tal-IU tkompli tiddeterjora. L-effett dipressiv tal-prezz tal-importazzjonijiet iddampjati se jkompli jġib fix-xejn l-isforzi mill-IU, biex terġa' tilħaq livell suffiċjentement profittabbli. Jekk ma jittieħdux miżuri tkun qed titqiegħed f'riskju l-preżenza tul perjodu twil ta' żmien tal-IU.

(101) Fl-aħħarnett, huwa mistenni li l-miżuri jkunu effettivi biex jagħtu lill-industrija tal-Unjoni l-opportunità li tirkupra mid-dumping dannuż li nstab matul l-investigazzjoni.

3. **Importaturi/kummerċjanti**

(102) Intbagħtu kwestjonarji lil ħames importaturi. Ebda wieħed fosthom ma kkoopera mal-investigazzjoni.

(103) F'dawn iċ-ċirkustanzi, qed jiġi konkluż provviżorjament li l-effett tal-miżuri kontra d-dumping, jekk ikun hemm, aktarx ma jkollux impatt materjali fuq l-importaturi/kummerċjanti.

4. **L-utenti**

(104) Intbagħtu kwestjonarji lil 23 utent. Madankollu, erba' utenti biss ikkooperaw fl-investigazzjoni, li fosthom tlieta biss kienu jużaw u jimportaw direttament il-prodott ikkonċernat miċ-Ċina. L-importazzjonijiet diretti ta' dawn it-tliet utenti li kkooperaw ammontaw għal 10 % tal-importazzjonijiet totali tas-sodium gluconate niexef miċ-Ċina matul il-PI. Ir-raba' utent li kkoopera ma kienx qed juża l-prodott ikkonċernat importat miċ-Ċina.

(105) Dawn l-erba' utenti, li jinsabu fil-Ġermanja, fi Franza u fir-Renju Unit, huma attivi fl-industrija tal-kimiċi, u jipproduċu varjetà estensiva ta' prodotti, li xi wħud minnhom jużaw is-sodium gluconate bħala materja prima. Bħala medja, is-sodium gluconate ma jirrappreżentax parti sinifikanti mill-ispiża tal-input. B'mod ġenerali, l-effett massimu tad-dazju kontra d-dumping propost, bis-suppożizzjoni li ż-żidiet fil-prezz ma jistgħux jingħaddu lill-konsumatur finali, ġie stmat bħala baxx ħafna. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-valur ta' bejgħ ta' dawn il-kumpaniji għall-prodotti li jużaw is-sodium gluconate kien ta' inqas minn 5 % tal-valur ta' bejgħ totali tagħhom.

(106) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, qed jiġi provviżorjament konkluż li, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta, l-effett tal-miżuri kontra d-dumping, jekk kien hemm, probabbilment mhux se jkollu impatt materjali fuq l-utenti.

5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(107) Meta jitqies dak li ngħad hawn fuq, qed jiġi provviżorjament konkluż li f'dan il-każ mhemm ebda raġuni konvinċenti kontra l-impożizzjoni ta' dazji antidumping.

G. **IL-MIŻURI PROVVIŻORJI ANTIDUMPING**

1. **Il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu**

(108) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu dwar id-dumping, id-dannu li rriżulta, il-kawża u l-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri provviżorji sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(109) Bl-iskop li jiġi ddeterminat il-livell ta' dawn il-miżuri, kienu kkunsidrati l-marġini ta' dumping li nstabu u l-ammont ta' dazju neċessarju biex ikun eliminat id-dannu sostnut mill-IU.

(110) Meta ġie kkalkulat l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jitneħħew l-effetti tad-dumping li jagħmel dannu, tqies li kwalunkwe miżura li tittieħed għandha tippermetti lill-IU tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha u tikseb qligħ qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn industrija ta' dan it-tip fis-settur f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. Il-marġini tal-profitt qabel it-taxxa mitlub mill-kwerelant tqies bħala raġjonevoli u ntuża għal dan il-għan.

(111) Fuq din il-bażi, kien ikkalkulat prezz mhux ta' ħsara għall-IU għall-prodott simili. Il-prezz li ma jagħmilx ħsara nkiseb billi ġie magħdud il-marġini ta' qligħ imsemmi hawn fuq mal-ispiża tal-produzzjoni.

(112) Iż-żieda meħtieġa fil-prezz kienet imbagħad determinata fuq il-bażi ta' tqabbil bejn il-prezz medju aġġustat b'piż differenzjat tal-importazzjonijiet, kif kien stabbilit għall-kalkoli tat-traħħis fil-prezz, mal-prezz medju differenzjat li ma jagħmilx ħsara lill-prodotti mibjugħa mill-IU fis-suq tal-Unjoni. Kull differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet imbagħad espressa bħala perċentwali tal-valur CIF totali tal-importazzjoni.

(113) Fir-rigward tal-kalkolu tal-livell tat-tneħħija tad-dannu mal-pajjiż kollu għall-produtturi kollha fiċ-Ċina li jesportaw, ta' min ifakkar li l-livell ta' kooperazzjoni kien baxx. Għaldaqstant dan il-marġini dannuż ġie kkalkulat abbażi tad-dejta minghand il-kwerelant aġġornata għall-PI.

2. **Miżuri provviżorji**

(114) Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, huwa meqjus li skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri antidumping provviżorji għandhom jiġu imposti fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina fuq il-livell tal-anqas mill-marġini tad-dumping u mill-marġini tad-dannu, skont ir-regola ta' inqas dazju.

(115) Id-dazji antidumping proposti huma dawn li ġejjin:

Kumpanija	Il-marġni ta' tneħħija ta' ħsara	Marġini tad-dumping	Ir-rata tad-dazju antidumping
Shandong Kaison Biochemical Co., Ltd	29,9 %	5,6 %	5,6 %
Qingdao Kehai Biochemistry Co. Ltd	27,3 %	51,1 %	27,3 %
Il-kumpaniji l-oħra kollha	53,4 %	79,2 %	53,4 %

(116) Ir-rati ta' dazju antidumping ta' kumpanija individwali li ġew speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, jirriflettu l-qagħda misjuba matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju madwar il-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha") huma għalhekk applikabbli esklussivament għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat u prodotti mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati prodotti minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u bl-indirizz tagħha, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(117) Kull talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju ta' antidumping ta' kumpaniji individwali (pereżempju wara tibdil fl-isem tal-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata minnufih lill-Kummissjoni [1] bl-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari fir-rigward ta' kull modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u mal-esportazzjoni li jkunu assoċjati, pereżempju, ma' bidla fl-isem jew ma' bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament jiġi emendat skont dan billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali.

[1] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat-Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat H, 1049 Brussell, il-Belġju.

(118) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazju antidumping, il-livell ta' dazju li jibqa' ma għandux japplika biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx, iżda wkoll għal dawk il-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PI.

3. **Sorveljanza speċjali**

(119) Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' ċirkonvenzjoni minħabba d-differenza għolja fir-rati tad-dazju, huwa meqjus li jinħtieġu miżuri speċjali f'dan il-każ biex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji kontra d-dumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu dan li ġej:

(120) Il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida li tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn din il-fattura għandhom ikunu soġġetti għad-dazju residwu ta' antidumping applikabbli għall-esportaturi l-oħra kollha.

(121) Jekk l-esportazzjonijiet mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati aktar baxxi ta' dazju individwali jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li tikkostitwixxi fiha nnifisha bidla fil-mudell ta' kummerċ dovuta għall-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet, jista' jingħata bidu għal investigazzjoni kontra l-qerq. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rati tad-dazju individwali u għall-impożizzjoni konsegwenti tad-dazju għall-pajjiż kollu.

H. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(122) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, għandu jiġi ffissat perjodu li fih il-partijiet interessati li ppreżentaw ruħom fil-limitu ta' żmien speċifikat fl-avviż tal-bidu jkunu jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jitolbu smigħ. Barra minn hekk, irid jiġi ddikjarat li s-sejbiet dwar l-impożizzjoni ta' dazji antidumping magħmula għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament huma provviżorji u jistgħu jitqiesu mill-ġdid għall-għan ta' kwalunkwe dazju definittiv,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv antidumping huwa b'dan impost fuq importazzjonijiet ta' sodium gluconate niexef bin-numru tal-Unjoni Doganali u l-Istatistika (CUS) 0023277-9 u n-numru tar-reġistrazzjoni tas-Servizz tal-Astratti Kimiċi (CAS) 527-07-1, li attwalment huwa klassifikat bil-kodiċi NM ex 2918 16 00 (kodiċi TARIC 2918 16 00 10) u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju definittiv antidumping applikabbli għall-prezz liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodotti mill-kumpaniji ta' hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Id-dazju	Kodiċijiet addizzjonali TARIC
Shandong Kaison Biochemical Co., Ltd	5,6 %	A972
Qingdao Kehai Biochemistry Co. Ltd	27,3 %	A973
Il-kumpaniji l-oħra kollha	53,4 %	A999

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha sseħħ bil-kondizzjoni li tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fattura kummerċjali valida, li trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness. Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, għandha tapplika r-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għotja ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont ta' dazju provviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji doganali li huma fis-seħħ.

Artikolu 2

Bla ħsara għall-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-iżvelar tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament, jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni fi żmien xhar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jikkummentaw dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien xahar mid-data tad-dħul tiegħu fis-seħħ.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali, fil-format li ġej trid tkun tidher fuq il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3):

(1) L-isem u l-funzjoni tal-uffiċjal tal-entità li qed joħroġ il-fattura kummerċjali.

(2) Id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li (il-volum) ta' sodium gluconate niexef li nbiegħ għall-esportazzjoni fl-Unjoni Ewropea u li huwa kopert b'din il-fattura ġie manifatturat minn (l-isem u l-indirizz reġistrat tal-kumpanija) (il-kodiċi addizzjonali TARIC) fi (il-pajjiż ikkonċernat). Niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett.

Data u firma"

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 378/2010

tat-3 ta' Mejju 2010

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-4 ta' Mejju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNESS

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	JO	68,6
	MA	126,4
	TN	107,3
	TR	95,9
	ZZ	99,6
0707 00 05	MA	61,4
	TR	111,2
	ZZ	86,3
0709 90 70	TR	105,8
	ZZ	105,8
0805 10 20	EG	56,8
	IL	69,6
	MA	60,6
	TN	47,1
	TR	54,8
	ZZ	57,8
0805 50 10	TR	66,3
	ZA	77,8
	ZZ	72,1
0808 10 80	AR	82,0
	BR	79,2
	CA	80,5
	CL	79,7
	CN	81,9
	MK	22,1
	NZ	107,9
	US	126,4
	UY	93,0
	ZA	92,6
	ZZ	84,5

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-31 ta' Marzu 2010

li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri

(2010/251/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Irlandiż,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-mandat tas-Sinjura Máire GEOGHEGAN-QUINN iġġedded għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2006 sad-29 ta' Frar 2012 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Jannar 2006 [1].

(2) B'ittra tat-8 ta' Frar 2010 indirizzata lill-President tal-Kunsill, is-Sinjura Máire GEOGHEGAN-QUINN ippreżentat ir-riżenja tagħha bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri.

(3) B'segwitu għar-riżenja tagħha, jeħtieġ li jiġi maħtur suċċessur għall-bqija tal-mandat tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Eoin O'SHEA huwa b'dan maħtur membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-bqija tal-mandat tas-Sinjura Máire GEOGHEGAN-QUINN, li jintemm fid-29 ta' Frar 2012.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

A. PÉREZ RUBALCABA

[1] ĠU L 22, 26.1.2006, p. 51.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' April 2010

li tissupplimenta l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rigward is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

(2010/252/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-għan ewlieni tas-sorveljanza tal-fruntieri huwa biex ma jitħalliex li jsir il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri, sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità transkonfinali u biex jinqabdu u jittieħdu miżuri kontra persuni li jkunu qasmu l-fruntieri b'mod illegali. Is-sorveljanza tal-fruntieri għandha tkun effettiva billi tipprevjeni u tiskoraġġixxi persuni milli jaħarbu l-verifiki f'punti ta' qsim tal-fruntieri, u li jinkixef il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni.

(2) L-Aġenżija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn issa "l-Aġenzija") hija responsabbli mill-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri biex tiffaċilita l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tas-sorveljanza tal-fruntieri. Huma meħtieġa regoli addizzjonali fir-rigward ta' attivitajiet tas-sorveljanza tal-fruntieri imwettqin mill-unitajiet marittimi u tal-ajru ta' Stat Membru fil-fruntieri tal-baħar ta' Stati Membri oħrajn fil-kuntest ta' kooperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Aġenzija u u t-tisħiħ ulterjuri ta' tali kooperazzjoni.

(3) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 562/2006 u mal-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni, il-miżuri meħudin matul l-operazzjoni ta' sorveljanza għandhom ikunu proporzjonali mal-objettivi segwiti u għandhom jirrispettaw b'mod sħiħ id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tar-refuġjati u ta' dawk li jfittxu asil, inkluża, b'mod partikolari, l-projbizzjoni tar-*refoulement*. L-Istati Membri huma marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* dwar l-asil, u b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat [2], fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-asil li jsiru fit-territorju, inkluż fil-fruntiera, jew f'żoni ta' transitu tal-Istati Membri.

(4) Fil-laqgħat tiegħu tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 u tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill Ewropew issottolinja l-ħtieġa ta' operazzjonijiet msaħħha tal-kontroll tal-fruntieri kkoordinati mill-Aġenzija u għal regoli ċari għall-operat ta' rondi b'mod konġunt. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju saħaq ukoll dwar il-ħtieġa ta' regoli dwar l-iżbark ta' persuni salvati.

(5) Għandu jittieħed kont tal-fatt li l-operazzjonijiet tas-sorveljanza tal-fruntieri kkoordinati mill-Aġenzija jitwettqu skont pjan operazzjonali u bl-iskeda u l-istruzzjonijiet maħruġin minn ċentru ta' koordinazzjoni li jinkludi rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Aġenzija, u li Stat Membru wieħed jew aktar ospitanti li l-fruntiera tiegħu tkun ser tiġi sorveljata ikunu identifikati qabel ma tibda l-operazzjoni.

(6) L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, u m'għandhiex taffettwa l-obbligi tal-Istati Membri taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Transnazzjonali Organizzata u l-Protokoll tagħha kontra t-Traffikar tal-Immigranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, il-Konvenzjoni relatata mal-Istatus tar-Refuġjati, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u strumenti internazzjonali oħrajn rilevanti.

(7) Meta titwettaq operazzjoni tas-sorveljanza tal-fruntieri fil-baħar, tista' tinqala' sitwazzjoni fejn ikun meħtieġ li tingħata assistenza lil persuni f'diffikultà.

[1] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

[2] ĠU L 326, 13.12.2005, p. 13.

(8) F'konformità mad-dritt internazzjonali, kull Stat irid jobbliga lill-kaptan ta' bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu, sakemm jista' jagħmel dan mingħajr periklu serju għall-bastiment, l-ekwipaġġ jew il-passiġġieri, biex jagħti għajnuna lil kwalunkwe persuna li tinsab fil-baħar f'periklu li tintilef u li jipproċedi malajr kemm jista' jkun biex isalva lill-persuni f'diffikultà. Tali assistenza għandha tingħata tkun xi tkun in-nazzjonalità jew l-istatus tal-persuni li jkunu ser jingħataw l-assistenza jew taċ-ċirkostanzi li fihom jinstabu.

(9) Sabiex tkun ipprovduta koordinazzjoni aħjar fost l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-operazzjonijiet fir-rigward ta' tali sitwazzjonijiet u sabiex jiġi ffaċilitat it-twettieq ta' tali operazzjonijiet, għandhom jiġu inklużi linji gwida mhux vinkolanti f'din id-Deċiżjoni. Din id-Deċiżjoni ma taffettwax ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tat-tiftix u s-salvataġġ inkluż biex jiżguraw li l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni jitwettqu b'mod li l-persuni salvati jistgħu jitwasslu f'post sigur.

(10) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari d-dinjità umana, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew kastig inuman u degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-prinċipju ta' non-refoulment, ta' non-diskriminazzjoni u d-drittijiet tat-tfal. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi applikata mill-Istati Membri f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(11) Peress li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-adozzjoni ta' regoli addizzjonali għas-sorveljanza tal-fruntieri tal-baħar mill-gwardji tal-fruntieri li joperaw taħt il-koordinazzjoni tal-Aġenzija, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba d-differenzi fil-liġijiet u l-prassi tagħhom, u għalhekk, minħabba n-natura multinazzjonali ta' dawn l-operazzjonijiet, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(12) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha u lanqas mhi soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba l-fatt li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, għandha tiddeċiedi f'perijodu ta' sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(13) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja fir-rigward tal-assoċjazzjoni ta' dan tal-aħħar bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen [1] li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE [2] tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(14) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen [3], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea [4].

(15) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fit-tifsira tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqa' fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2008/261/KE tat-28 ta' Frar 2008 dwar l-iffirmar ta' dak il-protokoll f'isem il-Komunità Ewropea [5].

(16) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jieħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen [6]. Għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(17) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen [7]. Għalhekk l-Irlanda mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

[1] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
[2] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[3] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
[4] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
[5] ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.
[6] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[7] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

(18) Il-Kumitat tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, ikkonsultat fid-19 ta' Ottubru 2009, ma tax opinjoni, bil-konsegwenza li l-Kummissjoni kienet obbligata, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 5a(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [1], tippreżenta proposta relatata mal-miżuri meħudin fil-Kunsill u għaddietha lill-Parlament Ewropew fl-istess ħin,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest ta' kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri koordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") għandha tkun irregolata mir-regoli stabbiliti fil-Parti I għall-Anness. Dawk ir-regoli u l-linji gwida mhux vinkolanti stabbiliti fil-parti II tal-Anness għandhom jiffurmaw parti mill-pjan operazzjonali mfassal għal kull operazzjoni kkoordinata mill-Aġenzija.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' April 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

M. Á. MORATINOS

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

ANNESS

PARTI I

Regoli għall-operazzjonijiet tal-fruntieri tal-baħar ikkoordinati mill-Aġenzija

1. **Prinċipji ġenerali**

1.1. Il-miżuri meħudin għall-fini ta' din l-operazzjoni ta' sorveljanza għandhom jitwettqu f'konformità mad-drittijiet fundamentali u b'mod li ma jkunx ta' riskju għas-sigurtà tal-persuni interċettati jew salvati kif ukoll tal-unitajiet parteċipanti.

1.2. L-ebda persuna m'għandha tiġi żbarkata fi, jew b'xi mod mgħoddija lill-awtoritajiet ta', pajjiż f'kontravenzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement, jew li minnu hemm riskju ta' espulsjoni jew ritorn lejn pajjiż ieħor f'kontravenzjoni ta' dak il-prinċipju. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1.1, il-persuni interċettati jew salvati għandhom jiġu informati b'mod adatt sabiex huma jkunu jistgħu jesprimu kwalunkwe raġuni għaliex jemmnu li l-iżbark fil-post propost ikun bi ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.

1.3. Il-ħtiġijiet speċjali tat-tfal, il-vittmi ta' traffikar, il-persuni li għandhom bżonn urġenti ta' assistenza medika, il-persuni li għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali u persuni oħrajn li qegħdin f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli għandhom jiġu kkunsidrati matul l-operazzjoni kollha.

1.4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-gwardji tal-fruntieri parteċipanti fl-operazzjoni ta' sorveljanza jkunu mħarrġa fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-drittijiet umani u tal-liġi dwar ir-refuġjati, u jkunu familjari mar-reġim internazzjonali dwar it-tiftix u s-salvataġġ.

2. **Interċettazzjoni**

2.1. Malli jintlemaħ, il-bastiment jew xi biċċa oħra tal-baħar ("bastiment") għandu jiġi approċċat sabiex tiġi osservata l-identità u n-nazzjonalità tiegħu u, sakemm jittieħdu miżuri oħrajn, għandu jiġi sorveljat minn distanza prudenti. L-informazzjoni dwar il-bastiment għandha tkun komunikata minnufih liċ-ċentru ta' koordinazzjoni stabbilit fil-kuntest u għall-għanijiet tal-operazzjoni fil-baħar ikkoordinata mill-Aġenzija.

2.2. Jekk il-bastiment ikun ser jidħol jew diġà daħal fiż-żona kontigwa jew fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru li ma jipparteċiax fl-operazzjoni, l-informazzjoni dwar il-bastiment għandha tiġi kkomunikata liċ-ċentru ta' koordinazzjoni, li min-naħa tiegħu jgħaddi l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat.

2.3. L-informazzjoni dwar kwalunkwe bastiment suspettat li huwa impenjat f'attivitajiet illegali fil-baħar barra mill-iskop tal-operazzjoni għandha tiġi kkomunikata liċ-ċentru ta' koordinazzjoni, li min-naħa tiegħu jgħaddi l-informazzjoni lill-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i).

2.4. Il-miżuri meħudin matul l-operazzjoni ta' sorveljanza kontra bastimenti jew biċċiet oħra tal-baħar li fir-rigward tagħhom hemm raġunijiet raġonevoli sabiex wieħed jissuspetta li qed iġorru persuni li għandhom l-intenzjoni li jevitaw il-kontrolli fil-punti tal-qsim tal-fruntieri, jistgħu jinkludu:

(a) li tintalab informazzjoni u dokumentazzjoni dwar l-appartenenza, ir-reġistrazzjoni u l-elementi relatati mal-vjaġġ, u dwar l-identità, in-nazzjonalità u data oħra rilevanti dwar il-persuni abbord;

(b) it-twaqqif, l-imbarkar u t-tfittxija fuq il-bastiment, il-merkanzija tiegħu u l-persuni abbord, u l-interrogazzjoni tal-persuni abbord;

(c) li wieħed jagħmel lill-persuni abbord konxji li m'għandhomx l-awtorizzazzjoni biex jaqsmu l-fruntiera u li l-persuni li qed jidderieġu l-biċċa tal-baħar jistgħu jiffaċċjaw penali talli ffaċilitaw il-vjaġġ;

(d) il-konfiska tal-bastiment u l-arrest tal-persuni abbord;

(e) li tingħata ordni li l-bastiment jimmodifika r-rotta tiegħu 'l barra jew lejn destinazzjoni minbarra l-ibħra territorjali jew iż-żona kontigwa, l-iskorta tal-bastiment jew l-insegwiment mill-qrib sakemm il-bastiment jaqbad it-tali rotta;

(f) it-twassil tal-bastiment jew il-persuni abbord lejn pajjiż terz jew inkella li l-bastiment jew il-persuni abbord jitħallew f'idejn l-awtoritajiet ta' pajjiż terz;

(g) it-twassil tal-bastiment jew il-persuni abbord lejn l-Istat Membru li jospita jew lejn Stat Membru ieħor parteċipanti fl-operazzjoni.

2.5. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2.4 għandhom jittieħdu taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

2.5.1. L-ibħra territorjali u ż-żona kontigwa

2.5.1.1. Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 2.4 għandhom jittieħdu meta toħroġ l-awtorizzazzjoni u f'konformità mal-istruzzjonijiet mill-Istat Membru li jospita li jkunu trażmessi lill-unità parteċipanti permezz taċ-ċentru ta' koordinazzjoni. Għal dan il-għan, l-unità parteċipanti għandha tikkomunika lill-Istat Membru li jospita, permezz taċ-ċentru ta' koordinazzjoni, jekk il-kaptan tal-bastiment interċettat talabx li jkun notifik aġent diplomatiku jew uffiċjal tal-konsulat tal-Istat tal-bandiera.

2.5.1.2. Kwalunkwe attività operattiva fl-ilmijiet territorjali jew f'żona kontigwa ta' Stat Membru li ma jipparteċipax fl-operazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-awtorizzazzjoni tal-Istat kostali. Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni għandu jkun infurmat bi kwalunkwe komunikazzjoni mal-Istat kostali u dwar l-azzjoni sussegwenti.

2.5.2. L-Ibħra Internazzjonali lil hinn miż-żona kontigwa

2.5.2.1. Jekk il-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera jew juri l-marki tar-reġistru tan-nazzjonalità ta' Stat Membru parteċipanti fl-operazzjoni, il-miżuri msemmija fil-paragrafu 2.4 għandhom jittieħdu hekk kif toħroġ l-awtorizzazzjoni tal-Istat tal-bandiera. L-uffiċċjal nazzjonali li jirrappreżenta dak l-Istat Membru fiċ-ċentru ta' koordinazzjoni għandu jkun intitolat li jagħti jew li jittrażmetti tali awtorizzazzjoni.

2.5.2.2. Jekk il-bastiment itajjar il-bandiera jew juri l-marki tar-reġistru ta' Stat Membru li ma jipparteċipax fl-operazzjoni jew ta' pajjiż terz, għandha tintalab konferma tar-reġistrazzjoni mill-Istat tal-bandiera permezz tal-metodi adatti u, jekk in-nazzjonalità tiġi kkonfermata, għandha tintalab awtorizzazzjoni, f'konformità mal-Protokoll ta' Palermo kontra t-traffikar tal-immigranti, mill-Istat tal-bandiera biex jittieħdu l-miżuri msemmijin fil-paragrafu 2.4.

Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni għandu jiġi infurmat dwar kwalunkwe komunikazzjoni mal-Istat tal-bandiera.

2.5.2.3. Jekk, minkejja li jkun qed itajjar bandiera barranija jew jirrifjuta li juri l-bandiera tiegħu, hemm bażi raġonevoli ta' suspett li l-bastiment, fil-verità, huwa tal-istess nazzjonalità tal-unità parteċipanti, l-unità parteċipanti għandha tipproċedi biex tivverifika d-dritt tal-bastiment li jtajjar il-baniedra tagħha. Għal dan il-għan, hi tista' tibgħat dgħajsa taħt il-kmand ta' uffiċjal lejn il-bastiment issuspettat. Jekk jibqa' suspett wara li jiġu kkontrollati d-dokumenti, hija għandha tipproċedi b'eżami ulterjuri abbord il-bastiment, li għandu jitwettaq bil-kunsiderazzjoni kollha possibbli. Il-pajjiż li tiegħu allegatament il-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera għandu jiġu kkuntattjat permezz tal-metodi adatti.

2.5.2.4. Jekk, minkejja li jkun qed itajjar bandiera barranija jew jirrifjuta li juri l-bandiera tiegħu, hemm bażi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li l-bastiment, fil-verità, huwa ta' nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor parteċipanti fl-operazzjoni, il-verifika tad-dritt tal-vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu għandha ssir hekk kif toħroġ l-awtorizzazzjoni ta' dak l-Istat Membru. L-uffiċċjal nazzjonali li jirrappreżenta dak l-Istat Membru fiċ-ċentru ta' koordinazzjoni għandu jkun intitolat li jagħti jew li jittrażmetti tali awtorizzazzjoni.

Jekk, fil-każijiet imsemmijin hawn fuq, is-suspetti fir-rigward tan-nazzjonalità tal-bastiment ikunu ppruvati li huma fondati, il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 2.4 għandhom jittieħdu skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.5.2.1.

2.5.2.5. Jekk hemm bażi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li l-bastiment hu mingħajr nazzjonalità jew li jista' jiġi meqjus bħala bastiment mingħajr nazzjonalità, l-unità parteċipanti għandha tipproċedi biex tivverifika d-dritt tal-bastiment li jtajjar il-bandiera tagħha. Għal dan il-għan, hi tista' tibgħat dgħajsa taħt il-kmand ta' uffiċjal lejn il-bastiment issuspettat. Jekk jibqa' suspett wara li jiġu kkontrollati d-dokumenti, hija għandha tipproċedi b'eżami ulterjuri abbord il-vapur, li għandu jitwettaq bil-kunsiderazzjoni kollha possibbli.

Il-miżuri msemmijin fil-paragrafu 2.4 għandhom jittieħdu jekk is-suspetti li l-bastiment huwa mingħajr nazzjonalità jiġu ppruvat li jkunu fondati u jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li l-bastiment qed jitraffika illegalment l-immigranti bil-baħar skont il-Protokoll kontra t-Traffikar Illegali tal-Immigranti bl-Art, il-Baħar u l-Ajru, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transkonfinali.

Bastiment jiġi kkunsidrat li huwa mingħajr nazzjonalità jew li jista' jitqies bħala bastiment mingħajr nazzjonalità meta l-bastiment ma jingħata minn l-ebda Stat id-dritt li jtajjar il-bandiera tiegħu jew meta jkun qed ibaħħar bil-bnadar ta' żewġ Stati jew aktar, u jużahom skont il-konvenjenza.

2.5.2.6. Sakemm toħroġ awtorizzazzjoni jew jekk ma jkunx hemm waħda mill-Istat tal-bandiera, dak il-bastiment għandu jkun issorveljat minn distanza prudenti. M'għandhom tittieħdu l-ebda miżuri oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat tal-bandiera, minbarra dawk meħtieġa biex jitneħħa l-periklu imminenti għall-ħajja tannies kif stabbilit fit-taqsima 1 tal-Parti II jew dawk il-miżuri li jirriżultaw minn ftehimiet bilaterali jew multilaterali rilevanti, jew sakemm il-bastiment ma jidħolx f'żona kontigwa.

PARTI II

Linji gwida għal sitwazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ u għall-iżbark fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-fruntieri tal-baħar ikkoordinati mill-Aġenzija

1. **Sitwazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ**

1.1. L-obbligu li tingħata assistenza lill-persuni f'diffikultà fuq il-baħar għandu jitwettaq mill-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli ta' konvenzjonijiet internazzjonali li jirregolaw s-sitwazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ u f'konformità mar-rekwiżiti rigward ir-rispett għad-drittijiet fundamentali. Unitajiet parteċipanti għandhom jipprovdu assistenza lil kull bastiment jew persuna f'diffikultà fuq il-baħar. Huma għandhom jagħmlu dan tkun xi tkun in-nazzjonalità jew l-istatus ta' tali persuna jew taċ-ċirkostanzi li fihom tinstab.

1.2. Meta, waqt operazzjoni tas-sorveljanza tal-fruntieri jkun hemm sitwazzjoni fejn teżisti inċertezza jew apprensjoni fir-rigward tas-sigurtà ta' bastiment jew ta' xi persuna abbord, l-unità parteċipanti għandha tibgħat mill-aktar fis possibbli l-informazzjoni disponibbli kollha liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ responsabbli mir-reġjun ta' tiftix u salvataġġ fejn tkun qed isseħħ is-sitwazzjoni.

F'każ fejn iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ tal-pajjiż terz responsabbli mir-reġjun ta' tiftix u salvataġġ ma jweġibx għan-notifika trażmessa mill-unità parteċipanti, din tal-aħħar għandha tikkuntattja liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Risjku tal-Istat Membru ospitanti.

Filwaqt li jistennew struzzjonijiet miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ, l-unitajiet parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri kollha adatti biex jiżguraw is-sigurtà tal-persuni kkonċernati.

1.3. L-unitajiet parteċipanti għandhom jikkunsidraw l-elementi rilevanti kollha u jikkomunikaw il-valutazzjoni tagħhom liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ responsabbli, inkluż b'mod partikolari:

(a) l-eżistenza ta' talba għall-assistenza,

(b) kemm il-bastiment ikun tajjeb għall-baħar u jekk hux probabbli li l-bastiment ma jasalx fid-destinazzjoni aħħarija tiegħu,

(c) in-numru ta' passiġġieri mqabbla mat-tip ta' bastiment (tagħbija żejda),

(d) id-disponibbiltà tal-provvisti meħtieġa (fjuwil, ilma, ikel, eċċ.) biex jasal sa xatt,

(e) il-preżenza ta' ekwipaġġ u kmand ikkwalifikat tal-bastiment,

(f) id-disponibbiltà ta' tagħmir ta' sigurtà, navigazzjoni u komunikazzjoni,

(g) il-preżenza ta' passiġġieri li jkollhom bżonn urġenti ta' assistenza medika,

(h) il-preżenza ta' passiġġieri mejtin,

(i) il-preżenza ta' nisa tqal jew tfal,

(j) il-kondizzjonijiet tat-temp u tal-baħar.

1.4. L-eżistenza ta' emerġenza m'għandhiex tkun dipendenti esklużivament jew iddeterminata minn talba attwali għall-assistenza.

Fil-każ meta, minkejja li l-bastiment ikun jidher li hu fi stat ta' emerġenza, il-persuni abbord jirrifjutaw li jaċċettaw l-assistenza, l-unità parteċipanti għandha tinforma liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ u tkompli twettaq id-dover tal-kura, billi tieħu kull miżura meħtieġa għas-sigurtà tal-persuni kkonċernati, u tevita milli tieħu kwalunkwe azzjoni li tista' taggrava s-sitwazzjoni jew iżżid iċ-ċansijiet li xi ħadd iweġġa' jew jitlef ħajtu.

1.5. Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-operazzjoni għandu jkun infurmat mill-aktar fis possibbli bi kwalunkwe kuntatt maċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ u bit-tip ta' azzjoni li tittieħed mill-unità parteċipanti.

1.6. Jekk il-bastiment ma jistax jew ma jistax jitqies aktar li huwa fi stat ta' emerġenza, jew li l-operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ tkun ġiet konkluża, l-unità parteċipanti għandha, f'konsultazzjoni maċ-ċentru ta' koordinazzjoni tal-operazzjoni, tkompli bl-operazzjoni f'konformità ma' Parti I.

2. **Żbark**

2.1. Il-pjan operazzjonali għandu jindika l-modalitajiet għall-iżbark tal-persuni interċettati jew salvati, f'konformità mal-liġi internazzjonali u kwalunkwe ftehim bilaterali applikabbli. Il-pjan operazzjonali ma għandux ikollu l-effett li jimponi obbligi fuq l-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fl-operazzjoni.

Bla ħsara għar-responsabbiltà taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ, u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-pjan operazzjonali, għandha tingħata prijorità lill-iżbark fil-pajjiż terz minn fejn il-bastiment li qed iġorr il-persuni jkun telaq jew permezz tal-ilmijiet territorjali jew ir-reġjun ta' tiftix u salvataġġ li minnu għadda dak il-bastiment u jekk dan ma jkunx possibbli, għandha tingħata prijorità lill-iżbark fl-Istat Membru ospitanti sakemm ma tkunx meħtieġa reazzjoni differenti biex tkun żgurata s-sigurtà ta' dawn il-persuni.

2.2. Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni għandu jkun infurmat bil-preżenza ta' persuni fit-tifsira tal-paragrafu 1.2 tal-Parti I, u għandu jgħaddi dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-pjan operazzjonali għandu jiddetermina liema miżuri ta' segwitu jistgħu jittieħdu.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' April 2010

dwar l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt fil-qasam tar-riċerka dwar "L-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel u t-tibdil fil-klima"

(2010/253/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 181 tiegħu,

Billi:

(1) Is-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija huma esposti ħafna għat-tibdil fil-klima minħabba li huma jiddependu direttament fuq il-kundizzjonijiet klimatiċi filwaqt li l-emissjonijiet mill-agrikoltura fl-Unjoni jammontaw għal 14 % tal-emissjonijiet globali tal-gassjiet b'effett ta' serra.

(2) It-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-isfidi ewlenin għall-agrikoltura biex titma l-popolazzjoni tad-dinja, li hija mistennija tilħaq id-9 biljun ruħ sal-2050.

(3) Id-domanda globali għall-ikel hija mistennija li se tkun żdiedet b'50 % sal-2030 u li sal-2050 se tkun irduppjat, fi żmien meta d-domanda għall-bijomassa għal skopijiet mhux tal-ikel hija prevista li se tikber bil-qawwa.

(4) L-agrikoltura u l-forestrija qed iħabbtu wiċċhom ma' domanda għal oġġetti mhux tal-ikel għall-bijomassa li qed tiżdied bil-qawwa, immexxija mill-isforzi tal-mitigazzjoni f'setturi oħrajn u mill-ħtieġa li naqilbu għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

(5) Il-ħażniet globali ta' ċertu ikel bażiku naqsu, u l-prezzijiet għoljin fl-ikel, bħal dawk li rajna matul l-2008, jistgħu jkunu iktar frekwenti jekk id-domanda li dejjem qed tikber ma tkunx tista' tintlaħaq b'mod konsistenti mill-provvista.

(6) It-tibdil fil-klima jista' jaffettwa l-uċuħ tar-raba', il-ġestjoni tal-bhejjem u l-post tal-produzzjoni, u jista' jkollu konsegwenzi importanti fuq id-dħul tal-irziezet, l-użu tal-art u l-ekonomiji rurali f'ċerti partijiet tal-Unjoni.

(7) Is-settur agrikolu tal-pajjiżi tropikali u subtropikali, partikolarment dak tal-Afrika ta' 'l isfel mis-Saħara, huwa vulnerabbli ferm għat-tibdil fil-klima, u kwalunkwe kriżi ewlenija tal-ikel f'dawk ir-reġjuni jkollha impatt fuq l-Ewropa.

(8) Jeħtieġu azzjonijiet miftiehma biex nevitaw li dawn ir-riskji, meħudin flimkien, iwasslu għal ħsara li ma tistax titraġġa' lura u biex niksbu provvista sostenibbli tal-ikel taħt il-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu.

(9) Din l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt hija rilevanti wkoll għall-iżvilupp tal-Politika Agrikola Komuni.

(10) Fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill Kompetittività għaraf "l-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel u t-tibdil fil-klima" bħala qasam fejn l-ipprogrammar konġunt se jipprovdi valur miżjud ewlieni għall-isforzi frammentati attwali fil-qasam tar-riċerka fl-Istati Membri. Għalhekk, huwa adotta konklużjonijiet li fihom għaraf il-ħtieġa li titnieda inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt dwar dan is-suġġett u li fihom stieden lill-Kummissjoni tagħti kontribut fit-tħejjija ta' dik l-inizjattiva. Il-Kunsill ikkonferma mill-ġdid ukoll li l-ipprogrammar konġunt huwa proċess li jmexxuh l-Istati Membri u li fih il-Kummissjoni għandha biss ir-rwol li tiffaċilitah.

(11) L-ipprogrammar konġunt fir-riċerka dwar il-qasam tal-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel u t-tibdil fil-klima se jħeġġeġ il-ġbir flimkien tal-ħiliet, l-għarfien u r-riżorsi, bil-għan li tiġi avvanzata r-riċerka biex tindirizza l-isfida tas-sigurtà tal-ikel u t-theddida kkaġunata mit-tibdil fil-klima, iżżieda fil-popolazzjoni globali, u d-domanda għall-ikel u għal oġġetti mhux tal-ikel.

(12) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti b'din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni billi jesploraw inizjattivi li tista' tieħu l-Kummissjoni sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna jiżviluppaw u jimplimentaw l-aġenda strateġika tar-riċerka. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll mal-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola biex jiżguraw li l-attivitajiet tal-ipprogrammar konġunt ikunu kkoordinati mal-aġenda usa' tar-riċerka agrikola.

(13) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun qed isir f'din l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw viżjoni komuni dwar kif il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-qasam tar-riċerka fil-livell tal-Unjoni jistgħu jindirizzaw l-isfida tas-sigurtà tal-ikel u t-theddida tat-tibdil fil-klima, iż-żieda fil-popolazzjoni globali, u d-domanda għall-ikel u għal oġġetti mhux tal-ikel.

2. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw aġenda strateġika komuni tar-riċerka li tistabbilixxi l-ħtiġijiet u l-għanijiet medji u fit-tul tar-riċerka fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel permezz tal-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tal-effetti ta' dan it-tibdil fl-agrikoltura. L-aġenda strateġika tar-riċerka għandha tinkludi pjan tal-implimentazzjoni li jistabbilixxi l-prijoritajiet u meta dawn għandhom jintlaħqu u li jispeċifika l-azzjonijiet, l-istrumenti u r-riżorsi meħtieġa biex l-aġenda strateġika tar-riċerka tiġi implimentata.

3. L-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu l-azzjonijiet li ġejjin bħala parti mill-aġenda strateġika tar-riċerka u mill-pjan tal-implimentazzjoni:

(a) l-identifikazzjoni tat-tagħrif dwar il-programmi nazzjonali u l-attivitajiet tar-riċerka rilevanti u l-iskambju ta' dan it-tagħrif;

(b) it-tisħiħ tal-eżerċizzji konġunti dwar il-previżjoni u tal-kapaċitajiet konġunti tal-valutazzjoni teknoloġika, sabiex jiġi żgurat li t-theddid li ħiereġ bħalissa u dak ġdid ikun immonitorjat b'mod kostanti u rrappurtat regolarment;

(c) l-iskambju tat-tagħrif, tar-riżorsi, tal-aqwa prattiki, tal-metodoloġiji u tal-linji gwida;

(d) l-identifikazzjoni ta' oqsma jew ta' attivitajiet tar-riċerka li se jibbenefikaw mill-koordinazzjoni, mis-sejħiet konġunti għall-proposti jew mill-ġbir flimkien tar-riżorsi;

(e) id-definizzjoni tal-proċeduri li bihom għandha titwettaq ir-riċerka b'mod konġunt fl-oqsma msemmija fil-punt (d);

(f) il-qsim, fejn xieraq, tal-infrastruttura tar-riċerka li diġà teżisti jew l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda;

(g) l-esportazzjoni u t-tqassim tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tal-approċċi interdixxiplinari għal partijiet oħrajn tal-Ewropa u mad-dinja kollha u l-iżgurar tal-użu effettiv tar-riżultati tar-riċerka biex jitjiebu l-kompetittività u t-tfassil tal-politika Ewropej;

(h) it-tħeġġiġ ta' kollaborazzjoni mtejba bejn is-settur pubbliku u dak privat, flimkien ma' innovazzjoni miftuħa bejn is-setturi differenti tan-negozju;

(i) il-kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet li jinbidlu tal-konsumaturi u dawk tal-industrija agroalimentari fl-Unjoni meta jkunu qed jiġu stabbiliti l-għanijiet tal-programmi relatati.

4. L-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu struttura ta' ġestjoni komuni fil-qasam tal-agrikoltura, is-sigurtà tal-ikel u t-tibdil fil-klima li jkollha s-setgħa tistabbilixxi kundizzjonijiet, regoli u proċeduri komuni għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni u li jkollha s-setgħa timmonitorja l-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika tar-riċerka.

5. L-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw l-aġenda strateġika tar-riċerka b'mod konġunt, inkluż permezz tal-programmi nazzjonali tar-riċerka tagħhom jew permezz ta' attivitajiet nazzjonali oħrajn tar-riċerka.

6. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni bil-għan li jiġu esplorati inizjattivi li tista' tieħu l-Kummissjoni biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jiżviluppaw u jimplimentaw l-aġenda strateġika tar-riċerka u bil-għan li l-programmi konġunti jiġu kkoordinati mal-inizjattivi l-oħra tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

7. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni fit-tfittxija ta' forom possibbli ta' involviment tal-komunità tal-bdiewa u ta' persuni interessati oħrajn fl-applikazzjoni tar-riżultati miksuba u fil-kunsiderazzjoni ta' kif l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt tista' tiġi integrata bl-aħjar mod fl-iżvilupp tal-Politika Agrikola Komuni.

8. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni fl-użu tal-istrumenti kollha rilevanti tal-politika tal-innovazzjoni biex jiffaċilitaw it-trasformazzjoni tar-riżultati tar-riċerka fi prodotti u servizzi, u b'mod partikulari billi jagħmlu l-forom kollha tal-innovazzjoni aċċessibbli għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inklużi l-bdiewa.

9. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni fit-tfittxija ta' forom possibbli ta' konsultazzjoni u kooperazzjoni dwar dan is-suġġett ma' entitajiet jew gruppi xierqa fil-livell internazzjonali.

10. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola biex jiżguraw li l-attivitajiet tal-ipprogrammar konġunt ikunu kkoordinati mal-aġenda usa' tar-riċerka agrikola.

11. L-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun qed isir f'din l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Máire GEOGHEGAN-QUINN

Membru tal-Kummissjoni

IV

(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)

DEĊIŻJONI Nru 1/2009 TAL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI UE-UKRAINA

tat-23 ta' Novembru 2009

dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Konġunt

(2010/254/KE)

IL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI UE-UKRAINA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u l-Ukraina, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 88 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 88 tal-Ftehim jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni li jistabbilixxi kwalunkwe kumitat jew korp speċjali ieħor biex jassistih fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu u għandu jiddetermina l-għamla u d-dmirijiet ta' dawn il-kumitati jew korpi u kif għandhom joperaw.

(2) Attwalment, il-Partijiet qegħdin jinnegozjaw Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles profonda u komprensiva.

(3) Il-Partijiet għall-Ftehim qablu dwar it-test tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina.

(4) Jinħtieġ Kumitat biex jirrevedi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni kif ukoll il-prijoritajiet futuri u kwalunkwe aġġustament meħtieġ. Dan il-Kumitat Konġunt ser jopera fil-livell ta' uffiċjali għolja,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni qiegħed b'dan jistabbilixxi Kumitat Konġunt fil-livell ta' uffiċjali għolja. Il-Kumitat Konġunt għandu jirrevedi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni kif ukoll il-prijoritajiet futuri u kwalunkwe aġġustament meħtieġ għaliha.

Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' b'mod regolari, minn tal-inqas darba fis-sena.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill ta' Kooperazzjoni

Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE	*Il-Kap tad-Delegazzjoni Ukraina*
C. BILDT	Y. TYMOSHENKO

RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2009 TAL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI UE-UKRAINA

tat-23 ta' Novembru 2009

dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina

(2010/255/KE)

IL-KUNSILL TA' KOOPERAZZJONI UE-UKRAINA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u l-Ukraina, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 85 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 85 tal-Ftehim jagħti lill-Kunsill ta' Kooperazzjoni s-setgħa li jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa permezz ta' ftehim bejn iż-żewġ Partijiet.

(2) Skont l-Artikolu 102 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jaraw li l-objettivi stabbiliti fih jinkisbu.

(3) Attwalment, il-Partijiet qegħdin jinnegozjaw Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles profonda u komprensiva.

(4) Il-Partijiet ftiehmu dwar it-test tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina.

(5) L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina ser tissostitwixxi l-Pjan ta' Azzjoni attwali UE-Ukraina u ser tħejji u tiffaċilita d-dħul fis-seħħ bikri tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni futur UE-Ukraina permezz tal-elaborazzjoni ta' ftehim dwar passi konkreti li ser jipprovdi gwida prattika għal dawn it-tħejjijiet u l-implimentazzjoni.

(6) L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni għandha l-għan doppju li tistabbilixxi passi konkreti fit-tħejjija tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, u li tipprovdi qafas usa' għall-għan ġenerali li jinkisbu assoċjazzjoni politika u aktar integrazzjoni ekonomika tal-Ukraina mal-Unjoni Ewropea.

(7) L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni hija dokument operattiv, li ser tiġi riveduta kif meħtieġ abbażi tar- reviżjonijiet tal-progress imsemmija fit-Taqsima 3.9 tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni u biex ikunu jistgħu jinkisbu l-objettivi ġenerali tagħha,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

Artikolu Uniku

Il-Kunsill ta' Kooperazzjoni jirrakkomanda li l-Partijiet jimplimentaw l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina kif tinsab fid-dokument UE-UA 1056/2/09 REV 2, safejn din l-implimentazzjoni tiġi diretta lejn it-tħejjijiet għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni futur UE-Ukraina u l-implimentazzjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill ta' Kooperazzjoni

Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE	*Il-Kap tad-Delegazzjoni Ukraina*
C. BILDT	Y. TYMOSHENKO

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT